# IO5 Adaptation and Policy Package

## Linji gwida għall-partijiet interessati
## Sommarju eżekuttiv

Erasmus+

The European Commission support for the production of this publication does not constitute an endorsement of the contents which reflects the views only of the authors, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein. [Project Number: 2018-1-PT01-KA204-047387]

Partners

# Sfond u skop

L-għan ġenerali tal-proġett IEUME huwa li jikkontribwixxi, permezz ta' għodod edukattivi innovattivi, għall-integrazzjoni ta' immigrant fil-komunitajiet ospitanti tagħhom. Il-proġett jipprovdi għodda diġitali inklużiva, interattiva u faċli għall-utent li fiha wkoll moduli gamifikati li jkopru kwistjonijiet soċjo-kulturali, politiċi u ekonomiċi Ewropej. Ir-riżorsi edukattivi jkopru dawn l-oqsma:

- Prinċipji ewlenin tad-Demokrazija u l-Ingaġġ Ċiviku
- Titjib fl-Impjegabbiltà
- Aċċess għad-Drittijiet fl-UE
- Kultura u Wirt Ewropew
- Is-Sistema ta' Governanza u Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea (UE)

Imsejjez fuq il-kurrikulu u permezz ta 'xenarji tal-logħob, il-programm ta' taħriġ huwa mfassal biex jiffaċilita l-integrazzjoni ta' migranti fis-soċjetajiet ospitanti tagħhom fl-UE.

## "It-taħriġ IEUME huwa bbażat fuq ix-xewqa li jespandi l-ambitu ta' prattiki stabbiliti kemm għat-tagħlim diġitali kif ukoll għall-integrazzjoni tal-migranti."

Il-moduli tat-taħriġ jistgħu jintużaw waħedhom jew jiġu vvalutati u integrati fi programmi u attivitajiet edukattivi oħra permezz tal-għodda ta' valutazzjoni tal-ħiliet, validazzjoni u rikonoxximent tal-IEUME żviluppati fi ħdan il-proġett. Kwestjonarji speċifiċi għall-moduli, li jsaħħu r-ripetizzjoni tar-riżultati tat-tagħlim, kif ukoll varjetà ta' għodod ġenerali ta' valutazzjoni u validazzjoni huma disponibbli bħala parti mill-proġett. Il-proġett jipprovdi wkoll deskrizzjoni tad-diversi sistemi Ewropej ta' trasparenza u akkreditazzjoni eżistenti.

## L-aqwa benefiċċji tal-Gamification huma:

- Titjib tal-effettività u l-kapaċità li l-istudenti jinvolvu ruħhom, jinteraġixxu u jimmotivaw lilhom infushom
- Adattament kontinwu ta' approċċi innovattivi biex jinteraġixxu b'mod effettiv ma' l-istudenti tagħhom
- Ġenerazzjoni ta' interess u għarfien permezz ta' immersjoni fis-suġġett
- Utilizz ta' esperjenzi tal-logħob u għalhekk attivazzjoni ta' memorja fit-tul u tagħlim tul il-ħajja
- Kisba ta' tagħlim sinifikanti u aktar suċċess tal-istudenti
- Motivazzjoni permezz ta' involviment permezz ta' tagħlim interattiv, applikazzjoni tat-tagħlim fid-dinja reali u feedback f'ħin reali
- Kompetizzjoni pożittiva u kooperazzjoni fost l-istudenti

## L-għanijiet ta' dawn il-linji gwida għall-partijiet interessati huma li:

- tiggwida lill-partijiet interessati matul il-proċess tagħhom ta' integrazzjoni tal-pakkett ta' taħriġ fl-attivitajiet tagħhom
- tipprovdi suġġerimenti dwar kif tuża l-materjal IEUME bħala komponent ta' tagħlim għall-adulti
- tissuġġerixxi l-iktar approċċi pedagoġiċi adattati biex tagħti t-taħriġ lill-istudenti
- tgħin lill-istudenti jtejbu l-esperjenza tat-tagħlim tagħhom bl-appoġġ disponibbli
- jagħti parir dwar l-akkreditazzjoni tat-tagħlim ibbażat fuq l-ECVET

Erasmus+

The European Commission support for the production of this publication does not constitute an endorsement of the contents which reflects the views only of the authors, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein. [Project Number: 2018-1-PT01-KA204-047387]

Partners

# Sommarju tar-rakkomandazzjonijiet

## Istituzzjonijiet

- Strateġiji ta' reklutaġġ għall-istudenti għandhom jiġu żviluppati minn qabel
- Akkwista għarfien sod tal-kontenut tat-taħriġ u l-ħtiġijiet tiegħu
- Immaniġġja l-aspettattivi tal-istudenti, kun realistiku dwar ir-riżultati tat-tagħlim u l-benefiċċji prattiċi tat-taħriġ
- żviluppa strateġija kif tkejjel is-suċċess skont is-sodisfazzjon tal-istudenti u s-sens ta 'kisba
- Ħarreġ sew lil għalliema u agħti ħin adegwat għall-preparazzjoni
- Tiżgura ruhek li dawk li jħarrġu u l-istudenti jkollhom aċċess għall-għodod teknoloġiċi meħtieġa
- Agħti spazju għal stħarriġ u pprovdi opportunitajiet abbundanti għal feedback tal-istudenti

## Trajners

- Iċċekkja l-kapaċità lingwistika, il-litteriżmu tal-kompjuter u l-aċċessibilità tal-istudent
- Ipprovdi struzzjonijiet kompluti għall-użu tal-pjattaforma u pprovdi appoġġ adegwat
- Spjega l-kontenut, benefiċċji, u (jekk disponibbli) sistema tal-akkreditazzjoni
- Ipprovdi tgħalim iċċentrat fuq l-istudent (F2F jew tagħlim imħallat)
- Żgura ħin biżżejjed għal diskussjoni, dibattitu, u feedback
- Issorvelja l-progress tal-istudenti u pprovdi feedback dwar tali progress
- Tejjeb it-tagħlim kollaborattiv
- Uża l-awtoevalwazzjoni għall-istudenti provduta u listi ta' kontroll għall-edukaturi mill-websajt IEUME
- Agħmel użu xieraq mill-IEUME Skills Assessment, Validation and Recognition Tool disponibbli fuq il-websajt

## Studenti

- Ipprepara billi ssegwi l-IEUME "Manwal tal-Utent għall-pjattaforma tal-eLearning"
- Esplora l-kontenut tat-taħriġ ma' sħabek u dawk li jħarrġu
- Agħmel pjan realistiku maż-żmien dwar kif l-aħjar tintegra t-taħriġ fl-attivitajiet u l-obbligi tiegħek ta' kuljum
- Ipparteċipa fil-workshops u s-sessjonijiet kif stabilit
- Sib x'inhu l-aħjar pass ta' tagħlim tiegħek u adatta kif xieraq
- Agħti feedback lit-trejner /s u lill-istituzzjoni
- Appoġġja studenti aktar dgħajfa u tgħallem minn dawk aktar b'saħħithom

Il-partijiet interessati kollha għandhom ikunu konxji tal-benefiċċji tat-taħriġ IEUME: huwa b'xejn għal kulħadd, jista' jintuża offline wara l-ewwel download, huwa aċċessibbli faċilment għal kulħadd fi kwalunkwe ħin, jista' jiġi aċċessat minn kwalunkwe apparat (tablet, kompjuter, smartphone), l-istudenti jistgħu jitgħallmu bil-pass u l-ħin tagħhom stess, m'hemmz spejjeż tal-ivvjaġġar jew spejjez limitati, it-taħriġ itejjeb it-tagħlim indipendenti, l-istudenti jistgħu jiksbu ħiliet tal-kompjuter u litteriżmu, u t-taħriġ jista' jkun rikonoxxut u akkreditat b' mod transnazzjonali.

Erasmus+

The European Commission support for the production of this publication does not constitute an endorsement of the contents which reflects the views only of the authors, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein. [Project Number: 2018-1-PT01-KA204-047387]

Partners